MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1116/2005

**RTK Limited**

**vs**

**AZ-Ink Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta’ Mejju 2005, fejn intalab li socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm423.75) rapprezentanti prezz ta’ avvizi mxandra fuq ir-radju RTK u servizzi ohra rezi lilhom mis-socjeta’ attrici fuq ordni taghhom stess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Gunju 2003 u bl-interessi legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta jwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma rikjesta ta’ erba mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centemzu (Lm423.75) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Gunju 2003 oltre bl-ispejjez kif rikjesti inkluza ta’ dina l-istanza li ghandhom ukoll jigu sopportati interament mill-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------